**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-11 ta' Ġunju 2020 – China Construction Bank Corp. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Groupement des cartes bancaires**

**(Kawża C-115/19 P)** ([1])

***(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Oppożizzjoni – Artikolu 8 (1)(b) – Probabbiltà ta' konfużjoni – Evalwazzjoni tax-xebh tas-sinjali f'kunflitt – Evalwazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti)***

(2020/C 271/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* China Construction Bank Corp. (rappreżentanti: A. Carboni u J. Gibbs, Solicitors)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Botis, aġenti), Groupement des cartes bancaires (rappreżentanti: C. Herissay Ducamp, avukat)

**Dispożittiv**

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Diċembru 2018, China Construction Bank vs EUIPO – Groupement des cartes bancaires (CCB) (T-665/17, EU:T:2018:879), hija annullata.

2) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Ġunju 2017 (Każ R2265/2016 1) hija annullata.

3) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, l-ispejjeż sostnuti minn China Construction Bank Corp. fil-kuntest ta' dan l-appell u nofs l-ispejjeż sostnuti minnu fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza.

4) Il-Groupement des cartes bancaires għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, nofs l-ispejjeż sostnuti minn China Construction Bank Corp. fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza.

([1]) ĠU C 213, 24.06.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Ġunju 2020 – Dovgan GmbH vs Monolith Frost GmbH, L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**(Kawża C-142/19 P)** ([1])

***(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark verbali PLOMBIR – Ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Obbligu ta' motivazzjoni – Żnaturament tal-fatti u tal-provi)***

(2020/C 271/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Dovgan GmbH (rappreżentant: C. Rohnke, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Monolith Frost GmbH (rappreżentant: E. Liebich u S. Labesius, Rechtsanwälte), L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Dovgan GmbH hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn Monolith Frost GmbH.

3) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(1) ĠU C 263, 5.8.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodišče Republike Slovenije – is-Slovenja) – SCT, d.d, fi stralċ vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-146/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 90 u 273 – Valur taxxabbli – Tnaqqis – Rifjut – Nuqqas ta' ħlas – Persuna suġġetta għat-taxxa li ma ddikjaratx id-dejn tagħha fil-proċedura ta' falliment imressqa kontra d-debitur – Prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' proporzjonalità – Effett dirett)***

(2020/C 271/19)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SCT, d.d, fi stralċ

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 90(1) u l-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa u relatata ma' dejn li ma jistax jiġi rkuprat huwa rrifjutat lil persuna taxxabbli meta din tkun naqset milli tiddikjara dan id-dejn fil-proċedura ta' falliment imressqa kontra d-debitur tagħha, anki meta din il-persuna taxxabbli turi li minkejja li kienet iddikjarat l-imsemmi dejn dan ma kienx ġie rkuprat.

2) L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha, bis-saħħa tal-obbligu tagħha li tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' din id-dispożizzjoni, tinterpreta d-dritt nazzjonali b'mod konformi magħha, jew, jekk tali interpretazzjoni konformi ma tkunx possibbli, ma tapplikax kull leġiżlazzjoni nazzjonali li l-applikazzjoni tagħha twassal għal riżultat kuntrarju għall-imsemmija dispożizzjoni.

(1) ĠU C 148, 29.4.2019.